# LEĦEN IL-PARROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

Nru. 25 JANNAR-FRAR, 1968

## IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

### WARA L-FUNZJONIJIET FIL-KNISJA L-ĠDIDA

Għaddew il-festi tal-Milied u għaddew b'wiċċ il-ġid. Il-biża' u t-tenfiha sal-Milied baqa' fuqna sal-24 ta' Diċembru. Imma kollox insejna meta fiha sal-Milied baqa' fuqna sa l-24 ta' Diċembru. Imma kollox insejna meta fil-lejl tal-Milied rajna dak il-baħar ta' nies li ġew għall-funzjoni ta' bil-lejl fil-knisja l-ġdida.

Il-kommenti tan-nies kienu favorevoli: l-altar jidher minn kullimkien u għalhekk tieħu pjaċir tisma' quddiesa fiha; id-dawl tajjeb; orgni sabiħ; funzjonijiet organizzati tajjeb; il-bankijiet se jkunu komdi ħafna; l-akustika tajba ferm. L-uniku komment li smajt kontra kien li l-knisja ftit kiesħa: u għandhom raġun dawk li qalu hekk: l-ewwelnett il-bini għadu ġdid, it-tieni l-paviment għadu frisk, tlesta proprju xi jumejn qabel il-Milied. Imma dan hu difett illi bi ftit heaters imxerrdin 'l hawn u 'l hinn jirranġa ruħu.

Sas-sajf li ġej il-Knisja tkun lesta biex tinfetaħ għal kollox, u l-ħolma tagħna, li jkollna knisja deċenti, li tixraq lil pajjiżna tkun saret realtà u nibdew ingawdu s-sbuħija u l-kumdità tagħha.

Barra l-festi kbar li beħsiebna nagħmlu biex infakkru l-ftuħ uffiċjali tal-Knisja Parrokkjali tagħna, beħsiebna wkoll norganizzaw Missjoni mal-parroċċa kollha, bl-idea li l-ftuħ tal-Knisja jkun bidu ta' ħajja spiritwali ġdida fil-parroċċa tagħna. Minn issa nħeġġiġkom biex kulħadd jikkopera u jieħu sehem f'din il-missjoni ħalli jibda jseħħ il-motto tagħna: Tiġdid Spiritwali fi Knisja Ġdida.

Jalla s-sena l-ġdida tibda verament ħajja ġdida fil-parroċċa tagħna iċċentrata madwar il-Knisja l-ġdida.

Tkunu mberkin,
IL-KAPPILLAN.

---

## TOMBLA KBIRA FIL-KULLEĠĠ ST. MICHAEL'S

Is-Sibt, 3 ta' Frar, sejra tiġi organizzata mill-istudenti ta' St. Michael's TOMBLA KBIRA għall-Knisja fil-Kulleġġ tagħhom f'Ta' Giorni, mis-6.30 p.m. 'il quddiem. Kulħadd mistieden.

## RENDIKONT TAS-SENA 1967

Dejjem ħassejt li kull min jagħti xi ħaġa għandu d-dritt ikun jaf għalfejn u kif intefqet. Din hija r-raġuni li kull sena nagħti r-rendikont ta' dak kollu li jkun daħal matul is-sena u ta' dak kollu li jkun intefaq, u anki kif intefaq. F'dan ir-rendikont issibu stampa ta' dan kollu.

### Dħul

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Ġbir mill-Knisja | £1,507 | 15 | 10 |
| 2. | Drittijiet tal-Knisja minn funerali, tiġijiet, quddies kantat, eċċ. | 111 | 17 | 6 |
| 3. | Dħul minn Legati u fondazzjonijiet | 54 | 19 | 0 |
| 4. | Ġbir mill-Knisja tal-Kunċizzjoni | 262 | 18 | 11 |
| 5. | Interessi minn Kapital il-Bank | 233 | 4 | 1 |
| 6. | Bejgħ tal-ġebel għall-Knisja l-ġdida | 149 | 2 | 6 |
| 7. | Donazzjonijiet għall-Knisja l-ġdida | 1,113 | 8 | 9 |
| 8. | Mill-bottijiet fil-ħwienet | 57 | 15 | 11 |
| 9. | Ġbir ta' kull ġimgħa mid-djar | 296 | 18 | 0 |
| 10. | Ġabriet speċjali għall-Knisja l-ġdida | 306 | 15 | 11 |
| 11. | Profitti minn Fieri, Tombli, Lotteriji, eċċ. | 1,700 | 0 | 8 |
| 12. | Profitti minn tiġijiet fis-St. Julian's Hall | 160 | 11 | 11 |
| 13. | Ġbir mill-Kaxxa tal-Ħobż ta' Sant'Antnin | 59 | 3 | 2 |
| 14. | Kera minn dar f'Imrabat Road | 60 | 0 | 0 |
| 15. | Ġbir għall-festa ta' San Ġiljan | 784 | 13 | 6 |
| 16. | Qligħ mill-Fiera tal-Milied | 168 | 13 | 7 |
| 17. | Ġbir għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù | 3 | 0 | 0 |
| 18. | Dħul ieħor | 73 | 2 | 10 |
| 19. | Kontribuzzjonijiet lill-Madonna tas-Sokkors | 17 | 16 | 3 |
| | | £7,121 | 18 | 4 |

### Ħruġ

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Ħlas lis-saċerdoti | £554 | 19 | 8 |
| 2. | Ilma u dawl fil-Knisja, il-Knisja l-ġdida u s-Sala | 61 | 10 | 3 |
| 3. | Ostji u nbid għall-quddies u xemgħa | 91 | 6 | 2 |
| 4. | Spejjeż oħra għall-manutenzjoni tal-Knisja | 90 | 0 | 8 |
| 5. | Għajnuna lill-foqra u lill-familji fil-bżonn | 70 | 5 | 6 |
| 6. | Stampar ta' "Leħen il-Parroċċa" | 12 | 15 | 0 |
| 7. | Ċelebrazzjoni tal-festa tal-Qalb ta' Ġesù | 39 | 3 | 8 |
| 8. | Ċelebrazzjoni tal-festa ta' San Ġiljan | 669 | 8 | 11 |
| 9. | Manutenzjoni tal-Knisja tal-Kunċizzjoni | 145 | 15 | 3 |
| 10. | Ħlas arretrat lill-kuntrattur u perit tal-Knisja l-ġdida | 2,050 | 0 | 0 |
| 11. | Ċens fuq l-art tal-Knisja l-ġdida | 5 | 11 | 0 |
| 12. | Ħlas lill-ħaddiema tal-Knisja l-ġdida | 2,304 | 12 | 2 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13. | Spejjeż biex inġieb l-orgni mill-Italja | 263 | 17 | 11 |
| 14. | Spejjeż oħra fil-Knisja l-ġdida u St. Julian's Hall | 627 | 14 | 8 |
| | | £7,007 | 0 | 10 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Dħul Totali | £7,121 | 18 | 4 |
| Ħruġ Totali | 7,007 | 0 | 10 |
| Bilanċ | £114 | 17 | 6 |

Biex inkomplu l-istampa tagħna se nagħtukom riassunt tad-dejn li għad fadlilna:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Fuq il-bini tal-Knisja | £8,729 | 4 | 6 |
| Madum | 789 | 12 | 0 |
| Equipment għall-istallazzjoni tad-dawl | 156 | 12 | 10 |
| Injam għall-bankijiet | 546 | 3 | 6 |
| Żebgħa, Ramel u materjal ieħor | 201 | 15 | 0 |
| B'kollox | £10,425 | 7 | 10 |

## X'SE JKOLLNA F'JANNAR U FRAR

**25 ta' Jannar:** Lejlet il-festa ta' San Ġiljan. Fil-5.45 p.m. Rużarju, Għasar, Quddiesa, Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

**26 ta' Jannar:** Jum il-festa. Fis-6.15 p.m. Rużarju, Quddiesa Kantata, Paniġirku, Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

**2 ta' Frar:** Il-Gandlora. Fis-6.00 p.m. Rużarju, Tberik tax-xemgħa u wara Quddiesa Kantata.

**11 ta' Frar:** L-ewwel dehra tal-Madonna ta' Lourdes. Fis-6.30 p.m. Quddiesa bil-priedka fuq id-dehra. Matul ix-xahar ikun hemm dehriet oħra bl-istess programm f'dawn il-ġranet: 18, 19, 20, 23, 24, 25, 26, 27, 28.

**28 ta' Frar:** Ras ir-Randan. Fis-6.00 p.m. Rużarju, Tberik tar-Rmied u Quddiesa Kantata. Illum hemm l-obbligu tas-sawm u ma jiswiex laħam.

**N.B.** — Għalkemm fil-ġranet l-oħra tar-Randan is-sawm ma għadux obbligatorju, iżda tkun ħaġa tajba li nagħmlu xi sagrifiċċji volontarji biex f'dan iż-żmien ta' penitenza nippreparaw ruħna għall-festa kbira tal-Għid.

**20 ta' Jnnar:** Jibdew il-ħmistax-il Sibt tal-Madonna ta' Pompej bħala preparazzjoni għall-festa tagħha fit-8 ta' Mejju. Kull nhar ta' Sibt, fis-6.30 p.m. ikollna Quddiesa b'meditazzjoni fuq il-misteri tar-Rużarju.

## NIFIRHU LILL-MIŻŻEWĠIN ĠODDA

16. 12. 68: Walter Hewart ma 'Veronica Mifsud.
1. 1. 68: James Bonnici ma' Rosanna Aquilina.

## MULEJ AGHTIHOM IL-MISTRIEH TA' DEJJEM

7\. 12. 67: Carmela Agius (67 sena) ta' 10, Ballut Street.
9\. 12. 67: Julian Saliba (64 sena) ta' 31, Mensija Street.
26\. 12. 67: Julian Xuereb (70 sena) ta' "Julian", Calrissi Street.
28\. 12. 67: Oscar Cesareo (63 sena) ta' 142, Main Street.
28\. 12. 67: George Vella (70 sena) ta' 5, Bay Junction.
31\. 12. 67: Edith Ellul Mercer (64 sena) ta' 31, Wilġa Street, Paceville.
5\. 1. 68: Joseph Testa (57 sena), ta' 156, Main Street.
7\. 1. 68: Magdalen Zarb (79 sena) ta' 137, St. George's Road.

## IL-PREMJU "ST. JULIAN'S HALL 1967"

Kif konna wegħidna s-sena l-oħra, fost dawk kollha li jkunu krew is-St. Julian's Hall għat-tieġ tagħhom jew għal xi okkażjoni oħra, fl-aħħar tas-sena tellajna bil-polza l-premju "St. Julian's Hall 1967" li ntrebaħ minn Saviour Stivala li joqgħod Ballut Street, San Ġiljan, u li żżewweġ ma' Mary Rose Scerri fl-4 ta' Frar, 1967. Lil Mr. Stivala tajnieh il-flus lura.

## IS-SELF TA' £5

Kif tistgħu taraw mill-istampa finanzjarja tal-parroċċa tagħna, għalkemm ix-xogħol fil-Knisja mexa 'l quddiem ġmielu, il-kontijiet għadhom m'humiex imħallsin kollha. Għad baqgħalna ħafna dejn u biex inkomplu x-xogħol li jonqos irridu l-flus f'idejna, li ma għandniex. Għalhekk biex ikollna somma f'idejna ħalli ma neqfux mix-xogħol, introduċejna dan is-sistema ta' self ta' £5. Kull min jista' jislifna ħames liri, u dan jerġa' jeħodhom lura meta n-numru taċ-ċedola tiegħu jitla' bix-xorti. Jekk xi ħadd jiġi bżonnhom qabel ma titla' l-polza, nagħtuhomlu lura wkoll.

Jiena naħseb li ħafna familji ta' San Ġiljan jistgħu jisilfuna £5. Għalhekk, jekk inti tiddeċiedi li tislef £5 lill-Knisja tagħna, imla din il-formula ta' hawn taħt u ibgħatha lill-Kappillan. Il-flus imbagħad naħsbu aħna biex niġbruhom.

*Aqta' hawn*

...................................................................................................................................

*Sur Kappillan,*

*Jien iddeċidejt li nislef £5 mingħajr imgħax biex ikun jista' jitkompla x-xogħol fil-Knisja tagħna.*

*Isem* ..................................................

*Indirizz* ..............................................

..............................................

"Empire Press" — Furjana